# XALATA SLIMIŻA FUQ GŻIRA UNITED

### IR-RABA' ĠURNATA

**Floriana FC u Hibernians FC Bye.**
**Gżira Utd. FC lagħbu darbtejn.**

**21-11-1964: Sliema Wdrs. FC – Gżira Utd. FC 9-0 H.T 5-0 Ref: Frans Grech**
**Skurjaw: V. Vassallo (S) 4', R. Buttigieg (S) 15', J. Cini (S) 25', L. Micallef (S) 35', V. Vassallo (S) 42', L. Micallef (S) 65', J. Cini (S) 72', R. Buttigieg (S) 73' u J. Cini (S) 82'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, George Cuschieri, Alfred 'Il-Paper' Debono, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Robbie Buttigieg, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Gżira Utd. FC:** Alfred Vella, Robbie Caruana, Vince Relton, George Faure', Charles Parnis (Briffa 46'), Nenu Chetcuti, Sunny Attard (Tony Ciantar 22'), Joe Galea, Toninu Camilleri, G. Portelli, Tony Chappelle.

1. F'partita ta' hbiberija bejn iż-żewġ clubs qabel ma beda l-kampjonat Sliema Wdrs kienu għelbu lil Gżira United 11-0.

2. Biex tkompli tiġi ħażina għall-Maroons il-player tagħhom Toninu Camilleri falla penalty fis-70 minuta meta x-xutt tiegħu marlu barra. Il-penalty kien ingħata għal handsball ta' Lino Falzon.

3. Gżira kien qed jilgħabu mingħajr il-goalkeeper George Sciberras u ħuh Twanny 'Ix-Xixu'. George Sciberras kien imweġġa' u minfloku lagħab l-ex goalkeeper tar-Reserves tal-Wanderers Alfred Vella filwaqt li Twanny Sciberras kien barra minn Malta għal erba' ġimgħat man-Navy. Huwa kellu jitlef ukoll il-logħob kontra Ħamrun Spartans u Valletta.

4. Minn naħa tagħhom Sliema kienu qed jilgħabu mingħajr Salvu Bonnici li kien ma jiflaħx fejn minfloku lagħab George Cuschieri.

5. Gżira pprotestaw fuq it-tielet goal ta' Joe Cini meta l-attakkant tal-Wanderers deher li kien f'pożizzjoni t'offside bir-referee Frans Grech warrab il-protesti u kkonvalida l-goal wara li l-linesman John Galea ma ssenjalax l-offside. Kien hemm protesti simili minn naħa tal-players ta' Gżira fl-okkażjoni tal-ħames goal meta Cini għal darb'oħra kien f'pożizzjoni t'offside qabel qassam lil Vassallo li skorja.

6. Sliema skurjaw id-disa' u l-aħħar goal tagħhom meta kienu qed jilgħabu b'għaxar players wara li fit-78 minuta Leli Micallef ġibed muskolu u kellu jħalli l-ground.

7. Skond il-gazzetta 'It-Torċa' Briffa daħal bħala sostitut flok Sunny Attard u Tony Ciantar minflok Charles Parnis. Fil-fatt il-player Parnis kien marid u lagħab xorta għalkemm ftit deher fil-partita.

**22-11-1964: Valletta FC – Rabat FC 13-0 H.T 7-0 Ref: Tommy Restall**

Skurjaw: T. Connor (V) 3', T. Calleja (V) 8', J. Urpani (V) 15' u 22', F. Zammit (V) 34', T. Connor (V) 41', T. Calleja (V) 42' u 53', V. Gauci pen. (V) 67', T. Calleja (V) 68', F. Zammit (V) 75', T. Connor (V) 79' u J. Urpani (V) 90'.

**Valletta FC:** Alfred Stivala, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Leonard Mizzi, Eddie 'Tat-Totty' Vella. Tony Connor, Josie Urpani, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa (Charles Azzopardi 40'), Norman Scott, Żarenu Vella, Frans Peplow, Nicholas Muscat, Joe Cassar, Alfred Wilson, Victor Azzopardi, Nenu Chircop (John Sapiano 40'), Frans Micallef, Lolly Azzopardi.

1. Fl-40 minuta, meta l-iskor kien diġà' 5-0, l-attakkant ta' Rabat FC Nenu Chircop telaq 'il barra hekk kif Rabat kienu qed jibdlu lill-goalkeeper Zerafa u kienu ser jibdlu lil Victor Azzopardi li weġġa'. Azzopardi, minkejja li muġugħ, kellu jidħol lura biex ikompli l-partita fit-tieni taqsima iżda kellu joħroġ ftit minuti wara biex Rabat komplew il-partita b'għaxar players. Nenu Chircop u l-goalkeeper Zerafa ma reġgħux lagħbu ma' Rabat.

2. Il-goalkeeper Charles Azzopardi li daħal minflok Charles Zerafa fl-40 minuta sofra żewġ goals wara żewġ minuti fil-ground.

3. Rabat kienu ser jidħlu fil-partita meta fl-14-il minuta b'żewġ goals minn taħt Nenu Chircop kellu tentattiv salvat minn fuq il-linja bir-ras minn Johnnie Attard bil-goalkeeper Stivala megħlub.

4. Il-penalty skurjat minn Vince Gauci ngħata għal handsball ta' Nicholas Muscat.

5. Żarenu Vella li kien qed jiddebutta ma' Rabat, kien ġie akkwistat fis-sajf mingħand St. Patrick FC.

6. Skond il-ġurnal 'Il-Ħaddiem' iktar kien hemm ġurnalisti, pulizija u ħaddiema tal-Istadium milli nies li ħallsu biex jaraw il-partita.

7. Rabat komplew jitilfu aktar players u komplew jiddgħajjfu. Wara li fil-bidu tal-istaġun tilfu lil Pawlu Said li emigra l-Awstralja u George Tonna li baqa' ma niżilx għal-logħob, issa tilfu tliet players f'daqqa meta Charles Zammit emigra wkoll lejn l-Awstralja u l-goalkeeper Zerafa u Nenu Chircop ma niżlux iktar għal-logħob.

8. Fis-26 ta' Novembru 1964 Valletta ttrasferew lil Charles Schembri 'Il-Kinnie' lil Zejtun Corinthians.

9. Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-Ħamis 16 ta' Novembru 1964 Valletta talbu permess lill-MFA biex jieħdu passi kontra Rabat FC minħabba li kien għad iridu jħallsuhom £50 tat-trasferiment ta' Nenu Chircop li wara din il-partita sar magħruf li ma riedx jilgħab iktar ma' Rabat.

**28-11-1964: Ħamrun Sp. FC – Gżira Utd. FC 1-0 H.T 0-0 Ref: Pawlu Bonett.**
**Skorja: C. Zammit (Ħ) 56'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Lolly Muscat, Patistu Attard, Leli Micallef, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Gejtu Briffa (Edward Spiteri 66'), Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Charles 'It-Topsy' Aquilina.

**Gżira United FC:** George Sciberras, Robbie Caruana, Vince Relton, George Faure', Charlie Parnis, Nenu Chetcuti, Alfred Cristiano, Sunny Attard (Tommy Cummings 66'), Toninu Camilleri, Joe Galea, Tony Chappelle.

1. Charlie Parnis ta' Gżira United ġie nkluż fit-team anke jekk kien dubjuż u ma ttrenjax fost il-ġimgħa wara li weġġa' fl-aħħar ħarġa kontra Sliema Wanderers.

2. Ġżira United kienu mingħajr Twanny Sciberras li kien imsiefer mar-Reġiment. Minn naħa l-oħra ħuh George Sciberras reġa' daħal bejn il-lasti wara li kien nieqes fit-telfa ta' 9-0 kontra Sliema minħabba li kien imweġġa'.

3. Fis-26 ta' Novembru Gżira United ttrasferew lill-goalkeepoer Emmanuel Abela lil Marsa fit-Tieni Diviżjoni u lil Twanny Buhagiar lil Zurrieq. Abela kien il-goalkeeper regolari ta' Gżira United sal-istaġun ta' qabel meta kienu kisbu l-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni.

4. Fit-48 minuta l-attakkant ta' Gżira Toninu Camilleri f'azzjoni personali qabeż lil Martin Attard u lill-goalkeeper Buttigieg iżda b'lasta vojta falla l-mira bil-ballun jgħaddilu ftit barra.

5. George Faure', wieħed mill-aħjar akkwisti li għamlu Gżira United fis-sajf, weġġa' lejn tmiem il-partita u baqa' sat-tmiem jiddewwa wara l-lasta n-naħa tal-Furjana side. Xi nies mill-Gżira dehru jersqu lejn dik in-naħa jistaqsu lil dawk li kienu jdewwuh jekk weġġax gravi.

6. Ħamrun Spartans kienu tilfu għal kollox liż-żagħżugħ Ġużi Dimech li kien emigra lejn l-Awstralja.

**Sliema Wdrs, Rabat FC, Floriana u Hibernians lagħbu partita inqas**

**Klassifika:** Hibernians FC u Sliema Wdrs. FC 6 pti.; Valletta FC 5 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.; Gżira Utd. FC 2 pti.; Floriana 1 pt.; Rabat FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Calleja u F. Zammit (Valletta FC) u R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) 4 goals; T. Connor u J. Urpani (Valletta FC); L. Micallef u J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u V. Cassar (Hibernians FC) 3 goals.

## AĦBARIJIET

Fit-2 ta' Novemberu 1964 Sliema Wanderers kisbu rebħa ta' 8-0 kontra Combined Services f'partita li l-qliegħ minnha mar għall-Poor Children Christmas Fund. Il-goals tal-Wanderers waslu minn Joe Cini li skorja erba' goals, Leli Micallef skorja darbtejn u goal kull wieħed minn Ronnie Cocks u Vince Vassallo.

Fl-4 ta' Novembru 1964 il-player ta' Sliema Edward Aquilina talab għar-release mill-club minħabba li kellu diżgwid mall-coach Ungeriż Janos Bedl. Valletta kienu qed juru nteress fl-akkwist tal-player.

Fl-14 ta' Novembru 1964 ir-referee Pawlu Bonett u l-linemen John F. Galea u Joe A. Agius marru f'Sofia l-Bulgarja biex jikkontrollaw il-partita mit-tieni round tat-Tazza tat-Tazzi bejn Slavia Sofia u Lausanne tal-Isvizzera.

Fis-16 ta' Novembru 1964, Alfred Cassar, 24 sena minn Ħal Qormi, u ex-Segretarju ta' St. George's, ġie arrestat mill-Pulizija wara li pprova jixtri erba' players ta' Lija Athletic f'partita li kienet ntlagħbet il-ġurnata ta' qabel. Cassar kien ikkuntattja l-players ta' Lija bejn l-Erbgħa u s-Sibt fejn lil Carmelo Agius, wieħed mill-players, wegħdu £4 jekk jikkommetti penalty. Lija kienu rebħu l-partita 1-0 minkejja li għal St. George's kien irritorna Eddie Mizzi u kien għamel id-debutt tiegħu l-ex player ta' Valletta Johnnie Darmanin. L-MFA kienet ħatret lit-Teżorier tagħha Jimmy Xerri De Caro biex ikun osservatur tal-każ meta jinstema' fil-Qorti f'Diċembru. Cassar kien tressaq quddiem l-Imħallef Flores fis-26 ta' Jannar 1965 u kien instab ħati b'seba voti kontra tnejn. Huwa ġie mmultat £20. Fis-sentenza tiegħu l-Imħallef Flores ikkunsidra l-kondotta nadifa tal-akkużat u li kien ilu tliet snin jaħdem mal-RAF. Dr. G. Schembri deher għal Cassar.

Fl-24 ta' Novembru 1964 il-goalkeeper Pawlu Nappa li fil-kampjonat ta' qabel lagħab ma' St. George's fl-Ewwel Diviżjoni kiteb lill-MFA fejn talabhom jintervjenu biex jitħallas £27 li kellu jieħu mingħand il-club Bormliż. Anke Eddie Mizzi kien daħħal talba quddiem l-Kunsill tal-MFA fit-3 ta' Novembru biex jitħallas l-arretrati tal-istaġun ta' qabel mingħand St. George's. Fil-fatt Mizzi fis-27 t'Ottubru kien ħabbar li ser jieqaf mill-football għal kollox minkejja li kellu 27 sena. Wara huwa rranġa d-differenzi mall-kumitat u reġa beda jilgħab mall-club Bormliż. Huwa kien ilu ma' St George's mill-1952 wara li kienu ħaduh mingħand il-Minors ta' Ħal Balzan. Fl-1961 huwa kien ġie trasferit ma' Sliema Wanderers għal £500 iżda ma sabx postu hemmhekk u rritorna lura mas-Saints.

Meta kienet qed tgħib it-tama li jintlagħab it-Tourney tal-Milied f'dan l-istaġun wara li kienu fallew negozjati maċ-Champions tal-Awstrija Rapid Vienna, ma' Rijeka tal-Jugoslavja u ma' Dinamo Bucharest tar-Rumanija, fis-26 ta' Novembru il-Management tal-Gżira Stadium ikkonkluda ftehim u ffirma kuntratt ma' First Vienna biex jiġu jilgħabu fostna fil-bidu ta' Jannar.